MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 71/2019 LM

**Youssef Farhat (detentur tal-Passaport Tuneżin Numru Y070789)**
*(l-appellant)*

***vs.***

**Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u *Expatriate Affairs***
*(l-appellat)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent, hawnhekk "l-appellant" **Youssef Farhat (Passaport Tuneżin Numru Y070789)** mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni (minn issa 'l quddiem "il-Bord"), fis-26 ta' Frar, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi,

> *"Therefore, after having seen the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board rejects the appeal."*

**Fatti**

2. Ir-rikorrent kien beda proċeduri ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni wara li fl-24 ta' Awwissu, 2018 huwa ġie infurmat minn Identity Malta li l-applikazzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jaħdem u jirrisjedi f'Malta ġiet rifjutata, u dan wara li lid-Dipartiment intimat irriżultalu li l-persuna li għamlet *reference letter* għar-rikorrent naqset milli tikkonferma l-awtentiċità tal-ittri ta' referenza pprovduti, u b'hekk id-Dipartiment intimat ma setax jikkonferma jekk ir-rikorrent kienx persuna adattata għall-pożizzjoni li huwa applika għaliha. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni permezz ta' appell li huwa intavola quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni.

**Mertu**

3. Il-Bord ikkonsidra li wieħed mid-diretturi tal-kumpannija Fish and Fish Limited, ċertu David Azzopardi, għamel sottomissjonijiet wara li *email* mibgħuta minn Jobsplus lill-persuna li kellha tipprovdi r-referenzi tar-rikorrent kienet daħlet fl-i*spam folder* tagħha*,* u konsegwentement baqgħet mhix imwieġba. Azzopardi informa lill-Bord li sal-ġurnata meta kellu jiddaħħal l-

appell, il-persuna li kellha tipprovdi r-referenza tal-appellant kienet wieġbet l-*email* ta' Jobsplus, u kkonfermat li l-ittra ta' referenza pprovduta minnha oriġinarjament kienet awtentika. Il-Bord iżda kkonsidra li dak sottomess ma kienx sostnut minn xi forma ta' dokumentazzjoni, kopji tal-*emails* inkwistjoni ma ġewx esebiti, u l-ebda *affidavit* ma ġie ppreżentat quddiem il-Bord. Il-Bord innota wkoll li persuni differenti mill-kumpannija Fish and Fish Limited qalu affarijiet differenti fix-xhieda tagħhom, fejn David Azzopardi qal li l-*email* ta' Jobsplus marret fl-*ispam folder* ta' min kellu jippreżenta *referral letter,* filwaqt li x-xhud Saviour Caruana qal li l-ittra ta' Jobsplus baqgħet mhux imwieġba minħabba li min kellu jipprovdi r-referenza għar-rikorrent xtaq li r-rikorrent jibqa' jaħdem miegħu. Il-Bord irrileva wkoll li ż-żewġ verżjonijiet sottomessi minn persuni differenti fl-istess kumpannija, it-tnejn saru fuq *letterhead* tal-kumpannija, u t-tnejn kellhom l-istess data, u għalhekk qies li l-verżjonijiet mogħtija minn dawn iż-żewġ esponenti tal-kumpannija li magħha kellu jmur jaħdem r-rikorrent, ma kinux veritieri.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Frar, 2019, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Preliminary*
>
> *The Board:*
> *Saw the decision issued on 24th August 2018 which stated that the relative application for a Single Permit had been rejected for the following reason:* "The said

application has been refused as the alleged referee failed to confirm the authenticity of the reference letters provided. The Department cannot confirm that you are suitable for the position you have applied for."

*Saw that the relative appeal was filed on 30th August, 2018; and*

*Examined all the submissions filed.*

***Submissions filed and evidence produced***

*The Board read the appeal filed by David Azzopardi (Director of Fish and Fish Limited), who claimed that the e-mail sent by Jobsplus to the referee was mistakenly considered "spam" by the referee's e-mail system. It was stated that by the date of submission of the appeal, the referee had replied directly to Jobsplus' original e-mail attesting to the authenticity of the original reference.*

*A further reference was drawn up by Saviour Caruana (Technical Manager within Fish and Fish Limited), who stated that according to the appellant, the referee was refusing to reply to Jobsplus' emails as he wants the appellant to return to work with him.*

*The Board firstly observes that no documentation whatsoever was submitted in support of the appeal. By way of example, the Board observes that if (according to David Azzopardi) the referee had sent an e-mail to Jobsplus confirming the reference, this could easily have been submitted before this Board by way of evidence.*

*If, on the other hand, the version tendered by Saviour Caruana is the correct version of events, the appellant should have drawn up an affidavit stating this and submitted that affidavit by way of evidence.*

*It does not escape the Board's notice that there are glaringly obvious inconsistencies. Different personnel within the same company (Fish and Fish Limited) are claiming different things. Azzopardi is claiming that the referee had mistakenly overlooked Jobsplus' e-mail and had replied directly to Jobsplus to confirm the reference, as he sought to have the appellant return to work for him.*

*The different version of events both bore the same date (29th August 2018) and were printed on the letterhead of Fish and Fish Limited. In any case, both versions were unsupported by evidence. As a result, the Board can believe neither version.*

***Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board rejects the appeal."*

## L-Appell

5. L-appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord, u intavola appell minnha fid-19 ta' Settembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tas-26 ta' Frar 2019 fl-ismijiet premessi u (i) tibgħat l-Atti lura lill-istess Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni sabiex wara li jisma' lill-partijiet jgħaddi għad-deċiżjoni jew fin-nuqqas (ii) wara li tisma' lill-partijiet u tiddeċiedi dwar il-mertu billi tilqa' t-talba tal-esponenti appellant u tordna lill-intimat appellat jogħġbu joħroġ* single permit to reside for the purpose of work in Malta, *bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat."*

6. L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord prinċipalment għaliex fil-fehma tiegħu l-Bord applika l-liġi u r-regolamenti b'mod żbaljat għall-appell li kellu quddiemu. L-appellant spjega li huwa kien applika għall-ħruġ ta' permess ta' residenza u sabiex ikun jista' jaħdem hawn Malta. Qal li l-applikazzjoni tiegħu ma ġietx aċċettata u ġiet miċħuda, kif ġie mgħarraf minn Identity Malta permezz ta' ittra tal-24 ta' Awwissu, 2018. L-appellant qal li huwa qatt ma ġie notifikat b'talba bil-miktub sabiex jipprovdi informazzjoni addizzjonali u/jew ulterjuri, u dan kontra d-dettami u r-rekwiżiti li tistipula l-liġi. L-appellant spjega li r-Regolament 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Numru 217.17 jistipula illi:

> "(1) Jekk l-informazzjoni jew id-dokumenti tal-applikazzjoni mhumiex mimlija kompletament, id-Direttur għandu jinnotifika l-applikant bil-miktub għal informazzjoni u dokumenti addizzjonali meħtieġa, filwaqt li jagħmel skadenza raġonevoli lill-applikant biex jipproduċihom u, f'dan il-każ, it-terminu perentorju imsemmi fir-regolament 12 għandu jkun sospiż sakemm id-Direttur ikun irċieva l-informazzjoni addizzjonali.
>
> (2) Id-Direttur jista' jiċħad applikazzjoni jekk l-informazzjoni jew id-dokumenti addizzjonali msemmija fis-subregolament (1) mhumiex provduti fi żmien l-iskadenza stipulata f'dak is-subregolament."

L-appellant qal li kuntrarjament għal dak li jipprovdi dan ir-Regolament, huwa qatt ma ġie nnotifikat bil-miktub mid-Direttur li l-informazzjoni jew id-dokumenti tal-applikazzjoni pprovduti minnu ma kinux mimlija kompletament, u li għalhekk id-Direttur appellat kien qiegħed jesiġi li tingħata aktar informazzjoni u dokumenti addizzjonali minnu. L-appellant għamel riferiment għal deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Bojan Balaban *vs.* Director of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs**[1], fejn il-Qorti kienet qalet li ma kien hemm l-ebda raġuni valida għalfejn id-Direttur appellat ma kkuntattjax lill-appellant direttament u infurmah li min kien iħaddmu naqas milli jikkonforma mat-talba tad-Dipartiment u ma rrispondiex *email* mibgħuta lilu. L-appellant żied jgħid li anki f'każ li jirriżulta li l-applikant ġie nnotifikat li kien hemm il-ħtieġa ta' aktar informazzjoni u ta' dokumentazzjoni addizzjonali mid-Direttur appellat, huwa d-Direttur appellat li jrid iġib prova ta' tali notifika, u mhux l-appellant. L-appellant qal li ladarba huwa qatt ma ġie nnotifikat mid-Direttur appellat li huwa kellu jipprovdi informazzjoni u dokumenti addizzjonali, dawn id-dokumenti qatt ma setgħu

[1] 25.01.2019.

jiġu pprovduti minnu, stante li huwa ma kienx jaf u ma setax ikun jaf li l-applikazzjoni tiegħu ma kinitx waħda kompluta.

**Ir-risposta tal-appell**

7. Fir-risposta tal-appell tiegħu l-appellat **id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni** wieġeb li s-sentenza tal-Bord hija waħda ġusta u timmerita konferma. L-appellat qal li *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 Liġijiet ta' Malta), id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni hija waħda finali u m'hemmx appell minnha, għajr għal istanzi fejn hemm lok għal appell dwar punt ta' dritt. L-appellat qal li jirriżulta li l-aggravju tal-appellant huwa msejjes fuq il-punt li l-appellat kellu jġib prova quddiem il-Bord li l-appellant ġie notifikat bil-miktub dwar l-informazzjoni addizzjonali rikjesta *ai termini* tar-regolament 16(1) u (2) tal-Liġi Sussidjarja 217.17. L-appellat kompla jgħid li fil-fehma tiegħu r-raġunament tal-appellant huwa wieħed assurd, u li in linea mal-massima li min jallega jrid jipprova, ladarba l-applikant intavola proċeduri ta' appell kien imissu ssottometta dokumentazzjoni awtentika sabiex jikkonvinċi lill-Bord li d-deċiżjoni tad-Direttur appellat kienet waħda żbaljata. L-appellat qal li mill-proċeduri li saru quddiem il-Bord, irriżulta li d-direttur ta' Fish and Fish Limited, li l-appellat jirreferi għalih bħala "ir-*referee*", kien informa lill-bord li huwa kien irrisponda l-*email* ta' JobsPlus, imma dan naqas milli jissottometti l-istess *email* bħala prova. Imma t-*technical manager* tar-*referee* stqarr li huwa ma rrispondiex lill-

JobsPlus għaliex xtaq li l-appellant jirritorna għax-xogħol miegħu. L-appellat qal li minn dan jirriżulta li l-Bord kien iffaċċjat b'żewġ verżjonijiet differenti tal-istess storja, u li l-ebda waħda minn dawn il-verżjonijiet ma kienet sostanzjata b'dokumentazzjoni jew b'xhieda maħlufa. L-appellat qal li huwa jinsab sorpriż kif l-appellant jgħid li huwa ma kienx jaf li kien hemm xi informazzjoni addizzjonali li kellu jgħaddi lid-Direttur appellat, iżda fl-appell tiegħu quddiem il-Bord indika li r-*referee* kien jaf li kellu jissottometti informazzjoni jew dokumentazzjoni, iżda għal xi raġuni naqas milli jipprovdi din l-informazzjoni fil-ħin. F'dan ir-rigward, l-appellat żied jgħid li l-fattispeċi tal-kawża ċċitata mill-appellant (**Bojan Balaban *vs.* Director of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs**), ma jsibu l-ebda applikazzjoni fl-isfond tal-fattispeċi tal-każ odjern, u dan għaliex fil-każ odjern, kemm l-appellat kif ukoll l-appellant kienu jafu li kienu mistennija jippreżentaw aktar dokumentazzjoni għall-konsiderazzjoni tal-Bord. L-appellat qal li bl-aggravju mressaq minnu, l-appellant qiegħed jippretendi li din il-Qorti tagħmel evalwazzjoni tal-fatti mill-ġdid. Żied jgħid li anki li kieku l-appell inkwistjoni kien ammissibbli, xorta waħda r-regola ġenerali għandha tkun li l-apprezzament tal-fatti minn tribunal tal-ewwel grad m'għandux jiġi ddisturbat minn qorti ta' kompetenza superjuri, u għandu jsir biss f'dawk il-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali li l-qorti tkun konvinta li ser tiġi kkreata inġustizzja f'każ li jitħalla l-apprezzament tal-provi li jkun sar fl-ewwel istanza. L-appellat kompla jgħid li minn qari tar-rikors tal-appell, l-appellant ma rnexxilux jipprova li l-interpretazzjoni tal-provi li kellu quddiemu l-Bord kienet tant żbaljata li biha ser tinħoloq inġustizzja. L-appellat qal ukoll li l-komunikazzjoni mibgħuta minn JobsPlus intbagħtet fl-*email*

*address* indikat mill-appellant fl-applikazzjoni tiegħu għas-*single permit for work and residence.*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok, tikkonsidra l-appell imressaq mill-appellant, l-aggravji sollevati minnu, u r-risposta tad-Direttur appellat, fil-kuntest tad-deċiżjoni mogħtija mill-Bord.

Qabelxejn iżda, u b'riferiment għar-risposta tad-Direttur appellat u għas-sottomissjonijiet li saru f'isem id-Direttur appellat waqt it-trattazzjoni, il-Qorti tirrileva li l-fatti kif spjegati mill-appellat mhumiex korretti. Mill-provi esebiti jirriżulta li kuntrarjament għal dak li ntqal mid-Direttur appellat, il-kumpannija Fish and Fish Limited mhijiex il-kumpannija li ntalbet tipprovdi r-referenza lill-appellant, u għalhekk l-appellat kien żbaljat meta fir-risposta tiegħu rrefera għaliha bħala "ir-*referee".* Il-kumpannija Fish and Fish Limited hija l-kumpannija li magħha kien ser jiġi ingaġġat l-appellant f'każ li jikseb il-permessi u l-approvazzjonijiet neċessarji sabiex ikun jista' jaħdem hawn Malta. Ir-*referral* kellu jsir minn kumpannija bl-isem 'Aqua Fish Tunisie', li pprovdiet referenza lill-appellant li ma kinitx awtentikata, kif irrileva l-Bord. Il-Qorti qiegħda tiġbed l-attenzjoni dwar dan il-fatt sabiex il-fatti jkunu ċari għall-partijiet kollha fil-proċeduri.

*L-uniku aggravju:* *Il-Bord applika l-liġi u r-regolamenti b'mod żbaljat għall-appell li kellu quddiemu*

L-appellant iħoss ruħu aggravat għaliex huwa qatt ma ġie mgħarraf minn Identity Malta li kienet rikjesta aktar dokumentazzjoni jew informazzjoni ulterjuri mingħandu. L-appellant jgħid li dan imur kontra l-ispirtu tar-Regolament 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li jispeċifika li f'każ li l-informazzjoni sottomessa ma tkunx kompluta, id-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant bil-miktub u jitlob mingħandu l-informazzjoni jew id-dokumenti addizzjonali meħtieġa, filwaqt li jistabbilixxi terminu raġonevoli sabiex l-applikant jipproduċihom. Mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-appellant ġie infurmat personalment li l-informazzjoni addizzjonali rikjesta mid-Direttur appellat kienet għadha ma ġietx sottomessa. Esponenti ta' Fish and Fish Limited, li kienu qegħdin isegwu l-applikazzjoni tal-applikant għaliex xtaqu li huwa jinġieb Malta sabiex imur jaħdem magħhom, spjegaw li aktarx li l-*email* bit-talba ta' Jobsplus lill-kumpannija li kellha tagħti r-*referral* lill-appellant fl-i*spam folder* tagħha, u minkejja dan, din l-istess kumpannija Aqua Fish Tunisie kienet bagħtet tinforma lil Jobsplus li l-ittra ta' referenza oriġinarjament mibgħuta minnha kienet ġiet awtentikata. Saviour Caruana, *technical manager* mal-istess kumpannija Fish and Fish Limited bagħat jinforma lill-Bord li l-kumpannija li kien jaħdem magħha l-appellant preċedentement, kienet qiegħda tirrifjuta li tirrispondi għat-talbiet ta' Jobsplus għaliex dawn riedu li l-appellant jerġa' jirritorna fl-impjieg li kellu magħhom. F'din l-ittra, Caruana spjega wkoll li esponenti tal-kumpannija Fish and Fish Limited kienu raw il-mod kif jaħdem l-appellant, u spjegaw li huwa diffiċli għalihom li jsibu

ħaddiema b'dan il-livell ta' esperjenza u li kapaċi joffri xogħol ta' kwalità bħall-appellant, u huwa għalhekk li huma kienu qegħdin jassistuh fl-applikazzjoni li għamel sabiex dan ikun jista' jmur jaħdem magħhom. Mix-xhieda ta' dawn iż-żewġ esponenti tal-kumpannija, li magħha kien ser jaħdem l-appellant f'każ li jingħata permess biex jaħdem f'Malta, għal xi raġuni l-Bord ikkonkluda li ma jista' jemmen l-ebda verżjoni ta' dawn l-esponenti tal-kumpannija Fish and Fish Limited, u abbażi ta' dan ċaħad l-appell tal-appellant.

Il-Qorti tqis li l-appellant għandu raġun meta jgħid li d-Direttur appellat naqas milli jinfurmah bil-miktub li kien hemm dokumentazzjoni importanti li kienet nieqsa mill-inkartament ippreżentat minnu. F'dan il-każ jirriżulta li d-dokumentazzjoni meħtieġa u li mingħajrha l-applikazzjoni tal-appellant ma setgħetx tkompli tiġi pproċessata, kienet *referral letter* awtentikata, li minflok ma ntalbet lill-appellant, intalbet direttament lill-kumpannija li huwa indika bħala l-kumpannija li setgħet tipprovdi tali *referral.* Kienet x'kienet ir-raġuni għalfejn din it-talba baqgħet mhux imwieġba, jirriżulta li l-appellat ma mexiex mar-rekwiżiti tal-liġi meta naqas milli jinforma lill-appellant li l-informazzjoni mitluba baqgħet ma ġietx ipprovduta. L-esponenti tas-soċjetà Fish and Fish Limited, il-kumpannija li magħha l-appellant kien ser jibda l-impjieg tiegħu f'Malta, ittentaw jispjegaw x'ġara u x'kienet ir-raġuni għalfejn it-talba għal *referral letter* awtentikata baqgħet ma ġietx imwieġba, b'wieħed mid-diretturi jgħid li minkejja li l-*email* bit-talba kienet daħlet fl-i*spam folder,* il-kumpannija li kienet tħaddem lill-appellant xorta waħda bagħtet l-informazzjoni mitluba għalkemm tard, u esponent ieħor tal-istess kumpannija li qal li peress li l-

kwalitajiet tal-appellant huma mfittxija ħafna fl-industrija, aktarx li min kien iħaddmu fil-passat ma riedx jagħmillu *referral* bit-tama li dan jirritorna lura fl-impjieg li kellu. Il-Qorti tirrileva li ladarba min offra l-impjieg il-ġdid lill-appellant hawn Malta kien lest li jiddikjara li l-appellant għandu kwalitajiet li jagħmluh bniedem speċjalizzat ħafna fil-qasam tax-xogħol li ser jiġi jaħdem fih, l-insistenza għal *referral letter* mingħand min kien iħaddem lill-appellant qabel dan iddeċieda li jibda l-proċess sabiex ikun jista' jaħdem hawn Malta, hija xi pjuttost superfluwa. Il-Qorti tistaqsi wkoll x'inhi l-ħtieġa għal tali *referral,* meta l-kumpannija li ser tingaġġa lill-appellant hawn Malta qalet li hija konvinta mill-kwalitajiet uniċi tiegħu? U x'inhi l-ħtieġa li l-appellat jibqa' jinsisti għal tali *referral* sabiex jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu dwar jekk l-applikant hux il-persuna adattata għall-pożizzjoni li applika għaliha, kif allegat fl-ittra li ntbagħtet lill-appellant minn Identity Malta, meta l-kumpannija li ser timpjega lill-appellant hawn Malta tat attestazzjoni bħal dik dwar l-abbiltajiet tiegħu?

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-aggravju tal-appellant, u tiddikjara li l-atti ta' dan l-appell għandhom jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex dan jagħti deċiżjoni wara li jieħu konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet li għamlet din il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqa' l-aggravju tal-appellant, filwaqt li tħassar u tannulla d-**

**deċiżjoni appellata. Tordna li l-Atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord, sabiex jgħaddi għal deċiżjoni dwar it-talbiet tal-appellant wara li jieħu konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet li għamlet din il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha.**

**Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**